**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 693/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Simon Layton Rachid**

Illum, it-28 ta' Novembru, 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Simon Leyton Rachid** ta' 17 il-sena, bin Jouma Rachid and Theresa Agius, imwieled gewwa Pieta nhar it-13 ta Jannar 2001 u residenti gewwa 34, Triq San Frangisk, Bormla, detentur tal- karta tal- identita numru 95301L u akkuzatu li:

Nhar is-7 ta Settembru 2018 ghall- habta tad 21:45hrs gewwa Triq San Filippu, Il-Birgu:

1. Ikkommetta serq ta′ gizirana: liema serq hawa ikkwalifikat bil-hin ghad-dannu ta' Mary Elsworth li hiia persuna anzjana jew adult dipendenti;

2. Ghad li kien jaf jew missu kien jaf li Mary Elsworth hija persuna anzjana jew adult dipendenti u li, taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet xjentement gieghel jew ippermetta li l-istess Mary Elsworth issofri, jew gab fuqha ugigh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew xjentement gieghel jew ippermetta li titqieghed f′sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghha tkun fil-periklu;

3. Wettaq reat waqt perjodu operattiv ta′ sentenza ta′ prigunerija sospiza li kienet inghatat lilu nhar 18 ta′ Mejju 2018 mill- Magistrat Dr. J. Mifsud LLD.

4. Sar recediv permezz ta′ sentenza li inghatat mill-Qrati ta′ Malta lilu, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra, mibdula jew imnaqqsa.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-9 ta′ Dicembru 2020 ai termini ta′ l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li mhux hati ta′ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta′ Mejju 2019 b′digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim′ Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

---

[1] Folio 34A ta' l-atti processwali
[2] Folio 4 ta' l-atti processwali
[3] Folio 21-24 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-14 ta' Marzu 2023.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar l-20 ta' Gunju 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegat *mugging* li sehh nhar is-7 ta Settembru 2018 ghall-habta tad 21:45hrs gewwa Triq San Filippu, Il-Birgu mill-imputat Simon Leyton Rachid fuq il-persuna ta' Mary Elsworth, li hija persuna anzjana, sabiex insteraq pendent. F'dan l-episodju, Elsworth ma sofriet l-ebda griehi u rrizulta li l-pendent allegatament misruq kellu valur minimu.

[4] Folio 86 ta' l-atti processwali
[5] Folio 111 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 xehed **L-Ispettur Saviour Baldacchino**[6], stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri. Spjega li fis-7 ta' Settembru 2018 ghall-habta tal-22:30hrs, certu Christian Elsworth kien irrapporta fl-Ghassa ta' Bormla li ommu, Mary Elsworth kienet ghadha kemm giet misruqa. Il-Pulizija irrikorriet fuq il-post fi Triq San Filippu, Il-Birgu. Mary Elsworth kienet spjegat li kien ghadda xi hadd minn maghha u hadilha l-gizirana. Tghid li minhabba li dan gara malajr hafna, ma setghetx tara min kien dan il-persuna. Ma sofriet l-ebda griehi. Il-gizirana misruq kienet ta' valur minimu ghax kienet fil-fatt *costume jewellery*. Ix-xhud spjega li l-pulizja sabu xi filmati CCTV migbura miz-zona u minnhom seta jidher li kien hemm tlett persuni involuti.[7] Wiehed ghadda faccata tal-vittma waqt li l-iehor hadilha l-gizirana minn wara. It-tielet persuna kien qed jistenna lill-ohrajn f'karozza Fiat Punto. Irrizulta li din il-karozza hija registrata fuq certu Joeline Camilleri. Meta mitkellma din qalet li ghalkemm registrata fuqha, il-karozza kienet ta' certu Simon Camilleri li jigi s-sieheb t'ommha kif ukoll missier l-imputat. Fit-28 ta' Settembru 2018 dan kien ta stqarrija fejn cahad li kellu xi involviment u qal li l-karozza gieli kien juzaha t-tifel tieghu Simon Layton Rachid. Qal ukoll li darba kien sema konversazzjoni bejn ibnu u xi hadd iehor fejn bdiet tissemma gojjellerija li wara kollox ma kienet tiswa xejn. Fit-13 ta' Ottubru 2018 gie mitkellem l-imputat fejn wara li

6 Fol. 35-37 tal-atti processwali.

7 Dok SB2, Folio 39 ta' l-atti processwali

rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali, ghall-bidu ghazel li jibqa' sieket izda eventwalment ghamel dikjarazzjoni fejn ammetta l-involviment tieghu f'dan il-kaz u identifika l-persuni l-ohrajn involuti bhala certu "Alfred" minn Bormla u Marco Rapinett. Dawn ma kienux tressqu ghax skont ix-xhud, ma kienx hemm bizzejjed probi kontrihom.

Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021[8], l-Ispettur Baldacchino ipprezenta sensiela ta' fotogrammi elevati mill-filmati CCTV.[9] Minn dawn iz-zewg ritratti hemm dehra ta' zewg persuni.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023[10], ix-xhud gie prodott in kontro-ezami. Ikkonferma li f'dan il-kaz l-investigazzjoni kient bdiet minn Simon Camilleri, li kien diga` maghruf mal-Pulizija minn investigazzjonijiet precedenti. Spjega li l-mod kif investiga l-allegat tehid tac-cavetta tal-karozza mill-imputat kien billi kellem kemm lil Simon Camilleri kif ukoll lill-imputat. Qabel li l-ewwel darba li dahal Simon Leyton Rachid fl-istorja kien meta attenda volontarjament ma missieru li f'dak iz-zmien kien fuq *police bail*. Stqarr li huwa kien konfrontat bir-rizultanzi mill-filmat CCTV kif ukoll bil-prezenza tal-Avukat Dr Arthur Azzopardi meta tkellem mal-missier u mal-iben meta gie suggerit lilu li jista' jkun li Simon Camilleri kien juza lit-tifel bhala *front* biex jghatti xturu. Ma qabilx li f'dak il-punt, Dr Arthur Azzopardi kien biss l-Avukat ta' Simon Camilleri. Qabel li l-prova li wasslet sabiex jittiehdu proceduri kontra Simon Leyton Rachid kienet l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija. Dan ghaliex id-dettalji kollha moghtija jaqblu ma dak li jidher fil-filmati CCTV.

[8] Fol. 46-49 tal-atti processwali.
[9] Dok SB3, Folio 50 ta' l-atti processwali
[10] Fol. 88-100 tal-atti processwali.

Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021 xehed **Stephen Cachia**[11], f'isem l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ikkonferma li l-vettura LCB-543 hija tat-tip Fiat Punto, kulur blu, u ilha registrata fuq certu Theresa Agius sa mis-26 ta' Gunju 2015.[12]

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2021 xehdet id-derubata **Mary Elsworth**[13]. Tghid li meta gara l-incident hija kienet tiela lejn id-dar taghha u rat zewg guvintur gejjin lejha. Hi hasbithom ser isaqsuha xi haga izda wiehed minnhom kien pront qabad il-pendent tal-gizirana taghha. Hi lahqet qabdet il-gizirana u ghalhekk kull ma ttiehed kien il-pendent. Spjegat li l-incident kien gara fi Triq San Filippu, il-Birgu izda rigward id-data, kull ma tiftakar li kien ilu tlieta jew erba snin. Fl-incident ma wegghatx izda ghamlet xaghrejn disturbata fuq dak li kien gara. Fir-rigward tal-valur tal-pendent, spjegat li kien bejn €35-€40.

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2022 xehed **PS 1402 Keith Rizzo**[14], stazzjonat fid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, li spjega li huwa kien tkellem mal-vittma li qalet li l-pendent misruq ma kienx ta' valur finanzjarju kbir izda kien ghal qalbha ghax kienet xtratu minn Lourdes. Ix-xhud kien analizza filmati CCTV miksuba minn residenzi fil-qrib. Minnhom gew osservati tlett persuni – wiehed gewwa Fiat Uno ?? blu bin-numru ta' registrazzjoni KBG-178 filwaqt li t-tnejn l-ohrajn telqu jigru lejn l-anzjana u hatfulha l-gizirana minn ma ghanqha u baqghu sejtin jigru lejn il-pjazza tal-Birgu. Irrizulta li l-vettura tghajjat lil certu Jolene Camilleri izda din kienet spjegat li din effettivament hija ta u tintuza minn certu Simon Camilleri li jigi s-sieheb ta' ommha. Simon Camilleri kien qal li probabbilment il-vettura kienet qed tintuza mit-tifel tieghu Simon Leyton Rachid. Qal ukoll li kien sema lill-istess Simon Leyton Rachid jitkellem ma huh

[11] Fol. 42-43 tal-atti processwali.
[12] Dok SC1, Folio 44-45 ta' l-atti processwali
[13] Fol. 56-61 tal-atti processwali
[14] Fol. 42-44 tal-atti processwali

dwar gizirana li ma kellha l-ebda valur. Ix-xhud pprezenta hames (5) ritratti fejn tidher il-vettura in kwistjoni u vizwal mhux car ta' certu nies.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2023[15] ix-xhud gie prodott in kontro-ezami. Ikkonferma li kien gie arrestat Simon Camilleri minhabba n-ness mal-vettura KBJ-174. Fil-fatt huwa kien qed juza din il-vettura meta gie arrestat. Qal ukoll li ma pulizija, l-imputat Simon Leyton Rachid kien ammetta li kien gieli jiehu l-karozza ta' missieru filwaqt li spjega li l-pulizija kienet certa li l-persuna responsabbli kien Simon Leyton Rachis minhabba li fil-filmati CCTV jidher hu u mhux missieru Simon Camilleri hiereg mill-karozaa u jigri. Qabel li l-Avukat Dr Arthur Azzopardi kien qed jassisti lil Simon Camilleri.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Il-prosekuzzjoni esebiet r-rapport tal-pulizija bin-numru NPS 4/G/1958/2018.[16] Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li l-allegat vittma u binha Christian Elsworth ghamlu rapport ghaliex xi rgiel kienu qabzu fuq ommu u serqulha gizirana li kellha fuqha.

Skond il-verzjoni tal-vittma Mary Elsworth hi kienet gejja lura mid-dar minn barra fejn hekk kif kienet qeghdha ftit il-boghod mid-dar dar gewwa Triq San Filippu il-Birgu u sabet zewgt irgiel ghadhom zghar fl-eta' li qabzu fuqha u serqula l-gizirana. Dawn l-irgiel ppruvaw jiehdulha l-*handbag* li kellha f'idha, izda din bdiet tissara ma dawn l-irgiel fejn il-bicca spiccat billi wiehed minnhom gibed il-gizirana li kellha ma ghonqa u telqu jigru.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li kien hemm CCTV cameras fl-akkwati u mar-residenza tal-vittma li urew bic-car l-incident kif sehh. Mill-

[15] Fol. 102-109 tal-atti processwali
[16] Folio 7- 12 ta' l-atti processwali

investigazzjonijiet gie identifikat certu Simon Camilleri. Simon Camilleri ikkonferma li l-vettura li ntuzat kienet tieghu izda inega kull involviment fil-kaz u stqarr li x'aktarx ibnu, kien hadlu c-cwievet tal-karozza kif kien ghamel drabi qabel. Stqarr ukoll li kien anke sema konversazzjoni bejn l-imputat u persuna ohra fejn ghamlu referenza ghal bicca gojellerija li ma kienet tiswa xejn.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-Istqarrija tal-imputat[17] giet mehuda mill-Ispettur Saviour Baldacchino fil-prezenza ta' PS 1402 Keith Rizzo wara li rrinunzja l-jedd ghall-assistenza legali. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li huwa kien ippartecipa f'din is-serqa flimkien ma wiehed ragel jismu "Alfred" u certu Marco Rapinett. Filwaqt li kien ipprovda l-karozza ta' missieru u akkumpanja lill-"Alfred" waqt is-serqa, kien dan "Alfred" li attwalment gibed il-gizirana minn ma ghonq id-derubata. Gharaf lilu nnifsu mill-fotogrammi tas-CCTV murija lilu. Sahaq li missieru Simon Camilleri ma kienx jaf li hadlu l-karozza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-prosekuzzjoni strahet hafna fuq il-vizwali li hargu mic-CCTV's. Filwaqt li fil-filmati jidhru diversi persuni ma jurux b'mod car id-dehra ta' l-imputat. Di piu minn dawn il-filmati u stills lanqas jirrizulta d-dinamika tas-serqa. Di piu filwaqt li l-pulizija ressqet prova dwar vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni LCB543, il-vettura li tidher fil-filmati hija wahda differenti bin-numru tar-registrazzjoni KBJ 174. Illi l-identifikazzjoni ta' din il-vettura ma ngabitx.

[17] Fol. 78-84 tal-atti processwali

Oltre dan jirrizulta li l-vittma Mary Elsworth ma iddentifikatx lill-imputat u lanqas tressqu biex jixhdu binha Christian Elsworth li assista sabiex jittiehed ir-rapport.

Fl-istqarrija ta' l-imputat jaghmel referenza ghall-persuni ohra certu "Alfred" u mir-rapport jirrizulta li kien hemm persuna ohra Marco Rapinett li wkoll ma tressqux sabiex jaghtu x-xhieda taghhom.

Illi jirrizulta wkoll li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar it-tielet imputazzjoni li tikkoncerna reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza kif ukoll ma ressqet ebda prova li l-imputat huwa recidiv.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u sejra tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 28B, 49, 50, 257C, 257D(1)(c), 261(f) u 260 qed issib lil Simon Leyton Rachid **mhux hati** ta' l-imputazzjoniiet dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru, 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**